MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 181/2002

Appell Nru. 181/02
Il-Pulizija
(Spettur D. Saliba)
Vs
Francis Bezzina

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

a) F'Selmun limiti tal-Mellieha, fid-29 t'Awissu 1996, matul il-gurnata kkommetta serq ta' kwantita ta' gebel 'akwadotti' minn gewwa l-ghelieqi, li l-valur taghhom jeccedi l-LM50 izda anqas minn LM100 liema serq sehh ghad-dannu ta' Wilfred Gauci mill-Mellieha;

b) Mill-limiti tal-Mellieha fit-2 ta’ Settembru, 1996 matul il-gurnata, flimkien ma persuni ohra, ikkommetta serq ta’ kwantita ta’ gebel “akwadotti” minn gewwa l-ghelieqi li l-valur taghhom jeccedi l-LM50 izda anqas minn LM100 liema serq huwa ghad-dannu ta’ Nazzareno Bonello mill-Mellieha;
c) Fis-Salina limiti ta’ Bahar ic-Caghaq, fis-sajf tas-sena 1997, matul il-gurnata flimkien ma persuna ohra matul dawn l-ahhar snin ikkommetta serq ta’ xorb u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-LM100 izda anqas minn LM1000 mill-fond bla isem li huwa sitwat gewwa Triq il-Latnija, gewwa Salini, ghad-dannu ta’ John Sammut u talli fl-istess data, hin u lok bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ serq ta’ air conditioner li huwa stmat li jiswa aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000,  wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu;
d) Mill-Iklin limiti ta’ B’Kara matul dawn l-ahhar snin f’xi hin mhux maghruf flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta’ zewg muturi minn fuq ‘band saw’ minn post li ghadu qed jinbena li huwa sitwat gewwa Triq il-Harruba, l-Iklin, liema muturi jiswew aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 ghad-dannu ta’ nies mhux maghrufa;
e) Flimkien ma persuna ohra matul dawn l-ahhar snin u cioe’ fis-sena 1997 minn Burrmarrad, matul il-gurnata, kkommetta serq ta’ ‘generator’ tad-dawl tal-ghamla Kawasaki li huwa sitwat gewwa Burmarrad ghad-dannu ta’ Godfrey Bonnici, liema serq huwa ta’ aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 u kkwalifikat bil-valur;
f) Fix-Xemxija bejn Awissu u Settembru 1998 f’xi hin flimkien ma persuni ohra kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom flixken tax-xorb mill-hanut “Ambjent Store” li l-valur taghhom jecceddi l-LM100 izda anqas minn LM1000 u dan ghad-dannu tas-sid John Sammut, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u l-valur;
g) Fil-Qawra dawn l-ahhar snin, fil-ghaxija kkommetta serq ta’ telephone set li jiswa anqas minn LM50 u li kien fih madwar LM40 fi flus minn gewwa l-Qawra Palace Hotel ghad-dannu tal-istess lukanda;

h) Fil-Qawra, dawn l-ahhar snin, matul il-gurnata kkommetta serq ta’ hand bag li kien fih is-somma ta’ LM8.00 ghad-dannu ta’ nies mhux maghrufa;
i) Fl-ahhar nett talli hu jinsab recidiv b’diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Lulju, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 18, 41, 49, 50, 261 (c), 261 (d), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280 tal-Kap 9 sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghall-prigunerija ta’ tmintax il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 t’Awissu, 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha w tirrevokha fil-parti li tkkoncerna l-piena billi tinfliggi piena anqas harxa w tikkonfermha fil-bqija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant li jirrigwardaw il-piena jikkonsistu filli l-appellant kien ghamel ammissjoni bikrija fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija w sahansitra ammetta w spjega l-involviment tieghu f’serqiet ohra li l-Pulizija lanqas kienet arrestatu dwarhom u dan ghandu jimmilita favur l-appellant ghal riduzzjoni ta’ piena ; illi persuni ohra li kienu ukoll ikkommettew l-istess serq , fi proceduri separati ma gewx kundannati ghal-habs minkejja li wkoll kellhom il-kondotta taghhom imtebba; ghalhekk minhabba f’dir-raguni l-piena tal-appellant ghandha tigi riformata b’mod li tkun konformi ma dak li gie kundannat haddiehor; li ghalkemm l-appellant kien wera x-xewqa li jhallas lid-derubati li ma gewx ritornati lilhom l-oggetti misruqa , dan ma kienx possibbli ghax mhux maghrufa hafna minn dawn in-nies u l-oggetti gew esebiti fi proceduri ohra w l-ispettur prosekutur ma ghamel xejn biex jindividwa lid-derubati w jara dawn x’kumpens riedu ; illi finalment l-appellant qata’ l-abbuz tad-droga bl-ghajnuna ta’ tfajla w l-familjari tieghu ;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tul is-seduta tas-7 ta' Novembru, 2002 ;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali li biha esebixxa kopja aggornata tal-fedina penali tal-appellant ;

Rat l-ordni taghha li bih irrikjamat din il-kawza ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell jirrigwarda l-piena ta' tmintax il-xahar prigunerija li l-Ewwel Qorti hasset li kellha tikkundanna lill-appellant wara li hu ammetta sensiela ta' serqiet kommessi fuq firxa ta' sentejn jew aktar .

Illi din il-Qorti normalment ma tindahalx fid-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar l-applikazzjoni ta' piena sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew inkella tkun wahda manifestament esagerata fic-cirkostanzi .

Illi fil-kaz in ezami jidher li l-appellant beda l-karriera tieghu fis-serq f' April, tas-sena 1983 u meta instab hati mill-Qorti fil-15 ta' Mejju, 1983 , inghata opportunita' li jirriforma ruhu billi gie liberat b'kondizzjoni ghall-sitt xhur skond l-artikolu 9 tal-Kap.152. Minkejja dan rega ikkommetta serq fit-2 ta' Lulju, 1984 u meta rega instab hati mill-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 1984 , rega' nghata opportunita' ohra b' liberazzjoni kondizzjonata, din id-darba ghal sentejn. Umbaghad fl-24 ta' Jannar, 1985 , rega gie misjub hati ta' serq u din il-htija giet konfermata minn din il-Qorti diversament preseduta w l-appellant kien gie kkundannat ghal-hdax il-xahar habs. Meta fit-13 ta' Frar, 1985 rega gie misjub hati ta' sewqan ta' vettura minghajr il-kunsens ta' sidha w ta' danni fl-istess vettura, rega gie liberat b'kundizzjoni ghal zmien sena. Fl-1988 rega kiser difrejh mall-ligi b'sensiela ohra ta' serq izda l-Qorti ciononostante regghet tatu opportunita ' ohra w , minnflok habs , ikkundannatu ghall-multa ta' LM300 bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap.9. Pero' din il-Qorti diversament preseduta kellha terga tikkonferma sentenza ohra ta' tmintax il-xahar habs in konnessjoni ma serq

iehor u ksur tal-liberta' kondizzjonata b' sentenza tat-3 t' Ottubru, 1991. Jidher li dana kollu ma sewa ghal xejn ghax fil-31 ta' Mejju, 1997 rega kkommetta serq iehor u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) rega gie kundannat ghall-hlas ta' multa . Umbaghad din il-Qorti diversament preseduta b'sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 regghet ikkonfermnat htija tar-reat ta' serq iehor kommess mill-appellant u kkundannatu ghall-piena ta' tmintax il-xahar habs. Umbaghad f'Dicembru, tal-1999 gie akkuzat b'sensiela ta' serq mertu ta' din il-kawza kommessi bejn il-1996 u l-1999.

Meta wiehed iqis il-kaz fid-dawl ta' din il-perspettiva storika, jidher li l-Ewwel Qorti , kellha kull ragun li thoss li ma kellhiex alternattiva ohra ghajr dik li tapplika l-piena karcerarja kif qalet fis-sentenza appellata. Del resto l-appellant mhux xi "first time offender" imma ilu ghaddej bil-karriera ta' serq ghall-ghoxrin sena w fil-waqt li bbenefika hafna drabi mill-klemenza tal-Qorti billi nghata l-liberta' kondizzjonata f' diversi okkazzjoinijiet u anki piena inqas mill-minimu stabilit mill-ligi f'kazijiet ohrajn, kien diga ntbaghat il-habs tlitt darbiet fuq serq b'sentenzi konfermati minn din il-Qorti diversament preseduta;

Illi l-fatt li l-appellant ammetta l-htija tieghu fi stadju bikri tal-investigazzjoni ma jatih ebda garanzija li ma jehilx il-habs . Dan jista' se mai biss iwassal ghall-applikazzjoni ta' piena aktar miti f'certi cirkostanzi . Pero' s-sentenza tal-Ewwel Qorti , ghalkemm ma ssemmiex dan bhala wiehed mill-fatturi li hadet in konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-piena, xorta wahda jidher li ma applikatx il-piena fl-estremi taghha w l-piena applikata , konsidrata l-fedina penali tal-appellant, il-gravita' tar-reati, r-recidiva , r-reat kontinwat u l-konkors tal-pieni ghad-diversi reati li hu ammetta l-htija taghhom, kienet fil-fehma ta' din il-Qorti wahda pjuttost miti;

Illi fil-fehma ta'din il-Qorti l-fatt li l-appellant seta' kien jabbuza mid-droga fil-periodu tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati ma ghandux iservi ta' attenwant u , jekk hu minnu li llum hu hareg minn dan il-vizzju, dan l-ewwel mhu ser igawdi minnu hu huwa stess u dawk qrib tieghu w mhux

qed jaghmlu ghal gid ta’ hadd aktar. Ghalhekk lanqas dan mhux xi attenwant. Il-Qorti trid mhux biss thares lejn il-kondizzjoni tal-hati imma trid ukoll thares lejn l-allarm socjali li l-pjaga tas-serq qed iggib fil-pajjiz u l-inkwiet , biza’w trawma li sofrew w ghaddew minnhom il-kwantita’ ta’ derubati li sfaw vittmi tal-agir kriminuz tal-appellant fuq firxa ta’ ghoxrin sena .

Illi l-aggravju dwar pieni ohra li setghu nghataw lill-komplici tal-appellant f’uhud mis-serqiet minnu ammessi , bir-rispett ma jreggix u dana ghaliex l-Ewwel Qorti , il-kaz tal-appellant u tal-appellant biss kellha quddiemha u ma setghetx tidhol fil-motivazzjoni li setghet wasslet lil Qrati ohra biex jiddeciedu kif iddecidew , ghax ma kellhiex il-fatti quddiemha w anki ghax hi lill-appelant kienet qed tiggudika u lil hadd aktar . Umbaghad , il-kompitu ta‘ din il-Qorti , bhala Qorti ta’ revizjoni , hu li tara jekk is-sentenza appellata “per se” ghandhiex treggi jew le u xejn aktar .

Illi l-aggravju tal-appellant dwar li l-Ispettur Prosekutur ma ghamel xejn biex isib in-nies derubati halli l-appellant ikun jista’ jhallashom ma jimmeritax konsiderazzjoni bis-serjeta’ ghax , jekk xejn , kien l-appellant li jmissu ghamel dan ghax hu kien jaf minn fejn seraq u lil min kien seraq u mhux il-Prosekutur. U kieku verament ried bis-serjeta’ li jaghmel xi retribuzzjoni lid-derubati, l-appellant kellu altru zmien bizzejjed biex jaghmel dan tul it-tlitt snin li ilhom ghaddejjin dawn il-proceduri

Ghal dawn il-motivi , l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------